**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 18/2019**
**26 ta' Ġunju 2019**

## Il-Kamra tal-Periti tappella lill-industrija sabiex taderixxi mar-regolamenti l-ġodda

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

Il-Kamra tal-Periti ħarġet direttiva dalgħodu tordna lill-membri tal-professjoni jaderixxu mar-regolamenti li ppubblika l-Gvern ilbieraħ fl-interess tas-saħħa tan-nies.

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tal-pubbliku li dawn kull xogħol ta' skavar, twaqqiegħ u kostruzzjoni li jmissu ma' prorjetà ta' ġirien huma obbligati li jsegwu dawn ir-regolamenti. Dan jinkludi l-preparazzjoni ta' condition reports ġodda tal-proprjetajiet tal-ġirien, dikjarazzjoni tal-metodu ġodda, aġġornament tal-polza tal-assigurazzjoni, u l-ħatra ta' STO mill-kuntrattur, jew minn kull kuntrattur individwali preżenti fuq il-lantijiet. Naturalment, dawn ir-rekwiżiti ma setgħux jiġu ndirizzati f'24 siegħa iżda jirrekjedu diversi ġimgħat, li jinkludu l-perijodu ta' ħmistax sabiex il-ġirien jivverifikaw, u jekk ikun il-każ, jikkontestaw il-condition reports u d-dikjarazzjonijiet ta' metodu.

Sakemm dawn il-provvedimenti jiġu osservati, ix-xogħlijiet huma effettivament sospiżi. Il-multa għal ksur ta' dawn ir-regolamenti hija €50,000.